MALTA

# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

## MAĠISTRAT DR.
## LAURENCE QUINTANO

Seduta ta' l-1 ta' Marzu, 2004

Numru 507/2003

**Il-Pulizija**

**(Spettur Joseph Mercieca)**

**versus**

**Maria Esther Mifsud.**

Il-Qorti

Rat l-imputazzjonijiet magħmula kontra Maria Esther Mifsud
Ta' 18-ilsean bint George u Marion nee Gauci imwielda Pieta' fit-12 ta' Diċembru, 1984 u li toqgħod Saint Anthony Triq J.Quintinus, bin-numru ta' l-identita' 98585(M)

Akkużata talli bejn is-17 u t-18 ta' Marzu, 2003, u f'okkażjonijiet oħra preċedenti, b'diversi atti magħmulin

minnha, ukoll jekk fi żminijiet differenti u li jiksru l-istess dispożizzjonijiet tal-Liġi u li ġew magħmulin b'riżoluzzjoni waħda, f'Bugibba, volontarjament ħassret, għamlet ħsara jew għarrqet ħwejjeġ ħadd ieħor, mobbli jew immobbli, u cioeċ vettura tal-Marka Rover numru tar-Reġistrazzjoni ABI 317, liema ħsara teċċedi l-ħamsin mira (Lm50) I#da anqas minn ħames mit lira (Lm500) għad-dannu ta' Mark John Schmbri (Artikolu 325(l)(b) tal-Kap 9.

Rat id-dokumenti kollha ppreżentati, inkluż il-kunsens ta' l-Avukat Ġenerali u ta' l-imputata li l-proċedura tkun waħda sommarja.
Semgħet ix-xhieda bil-ġurament.
Semgħet it-trattazzjoni tal-Prosekuzzjoni u ta' l-Avukat Difensur.

Ikkunsidrat.

**Xhieda Prosekuzzjoni**

Il-Prosekuzzjoni tellgħet b'kollox tnax-il xhud li huma l-Ispettur Joseph Mercieca, WPC 198 Jennifer Caruana, PS 1096 Edmond Cuschieri, PC 142 Robert Borda, PC 715 Lucian Gatt,Mark John Schmbri (fol32), PS 1174 Adrian Sciberras, PS 614 Saviour Garzia, PC 277 Joseph Cini, Alexander sive Sandro Rapa, u Arthur Tonna (l-panel beater).

**Xhieda Difiża.**

Id-difiża tellgħet lill-imputata nnifisha, l-avukat Difensur tagħha Dr.Joseph Bonnici u George Mifusd, missier l-imputata.

**Xhieda Prosekuzzjoni - Rapporti**

Il-Qorti tibda biex tinnota li ħafna mix-xhieda tal-Prosekuzzjoni ttlegħu biex jixhdu dwar rapport li saru fuq il-brix tal-karozza. Hekk PC 198 Jennifer Caruana kienet xhud fl-istatement, PS 1096 kien ħa l-complaint minn għand Mark Schembri, PC Robert Borda ħa rapport minn għand is-sur Mark Schembri, PC 715 Lucian Gatt ħa rapport minn għand l-istess Mark Schembri dwar il-lock tal-main door tal-flat u xejn dwar il-karozzi, PC 1174 Adrian Sciberras xehed dwar rapport ieħor dejjem minn għand l-istess Mark Schembri għax sab it-tappijiet ta' l-erba' tyres neqsin u dwar girfa fuq in-naħa tal-lemin tal-karozza (paġina 48), PS 614 Saviour Garzia xehed dwar rapport ieħor fuq il-karozza magħmul minn Mark Schembri, PS 277 Joseph Cini xehed ukoll dar rapport magħmul minn Mark Schembri dwar zewġ girfiet li kienu nstabu fuq il-karrozza u li kien jissuspetta (bħalma qal fi drabi oħra) li kienet l-imputata.

***Dawn ir-rapporti ma jistgħux jitqiesu li huma prova li ssaħħaħ l-imputazzjoni magħmula kontra l-imputata.***

**Xhieda Ewlenin tal-Prosekuzzjoni**

Il-Prosekuzzjoni tellgħet ukoll bħala xhieda lil Mark Schembri u lil Alexander sive Sandro Rapa.

**Mark Schembri.**

Fil-qasir Mark Schembri qal li kellu relazzjoni ma' l-imputata iżda li din kellha tinqata' ħesrem minħabba pressjoni min-naħa ta' missier l-imputata. Fil-paġina 35 tal-proċess dan ix-xhud jgħid:

'Wara li għadda ż-żmien kont qiegħed Paceville u rajtha għaddejja u ħarset lejja u għajjatilha. Għedtilha isma' tista' tgħidli għalfejn dawn il-venidkazzjonijiet qed taghmilhomli meta jiena qatt m'għamiltlek xejn u ma għamiltlek l-ebda ħsara lilek? Għidtilha għalfejn u tant naf li riedet toħroġ miegħi li għidtilha 'Isma', għidtilha jekk tgħidli l-verita' għidtilha lest li nerġa' noroġ miegħek….Għidli l-verita'.Qaltli Iva Jiena kont Ghedtilha

biex kont qed tigrifha? Qaltli biċ-ċaveta għax ma jsitax ikun narak ma kontx niflaħ narak dieħel ma' tfajla u fil-fatt semmejtha fir-rapport x'kienet qaltli eżatt. Għedtilha mela issa ħallasni għax jiena sofrejt erba' mitt lira ħsara…..Qaltli, ltqajna l-għada u ġabitli sebgħin lira cash…..dawn l-ewwel sebgħin lira (paġina 36)'

F'paġina 36, aktar 'l isfel mis-silta t'hawn fuq, l-istess xhud qal:

Ilbieraħ (5 t'Ottubru, 2003) svolġieli xi ħaġa oħra li għandi xhud ieħor favurija jiena….dan gaħndi ħabib tiegħi li kien joħroġ magħha wara li ħriġt magħha jien. Kellimni l-bieraħ għax m'għadux joħroġ magħha u qalli jien lest nitlagħlek xhiud li anke miegħi qaltli l-verita' li kienet girfitlek il-karozza' (ara rpitizzjoni f'paġina 37, is-sitt vers).

U dwar il-każ tas-sebgħin lira (Lm70) u l-qattus f'paġina 48 qaL:

'Kienet xtratli qattusa dak in-nhar stess li tatni sbegħin lira u xtratli qattusa li tiswa xi Lm50.' (Ara repitizzjoni aktar 'l isfel fl-istess paġina).

**Alexander sive Sandro Rapa**

Ix-xhud l-ieħor tal-prosekuzzjoni kien Alexander sive Sandro Rapa (paġini 59 sa 82).

F'paġina 60 huwa jgħid hekk:

'Hi kienet semmietli dwarha l-istorja li kienet għamlitlu hekk minħabba li ma kienx sema' mill-kelma tagħha'

Fil-paġina 61:

'U ħaqqu dak li ġralu li għamiltlu. U għedtilha x'għamiltlu? Qed tgħidli li barxitlu l-karozza u hekk.'

Skond dan ix-xhud huwa ħassar ir-relazzjoni ma' l-imputata l-Ġimgħa 3 t'Ottubru, 2003 għax it-Tnekjna riditu

jitla' l-Qorti fuq xhieda tagħha u hu ma riedx jidħol fin-nofs. (paġina 62)

F'paġina 64 ix-xhud ikompli jgħid:

'Infatti jien għahekk ma ridtx nitla' l-Qorti u hi bilfors riditni nitla' għand l-avukat tagħha għax jiena naf il-verita', jiena ma rridx nieħu ġurament falz, meta naf il-verita'

Fil-kontro-eżami x-xhud qal li sa meta Esther irċeviet iċ-ċitazzjoni biex tidher il-Qorti hi qatt ma kienet kelmitu fuq il-karozza. Huwa ġie mistoqsi diversi drabi dwar domanda li kienet saret mill-Avukat tad-Difiża meta Esther, missierha u x-xhud kien għand l-Avukat. Il-Mistqosija kienet 'Jekk Mark qattx avviċina lix-xhud biex jitla' jixhed f'dawn il-proċeduri' (paġina 70). Ix-xhud irrepeta 'Le' diversi drabi (ara paġni 69 u 70) sakemm fl-aħħar l-Avukat Difensur qal; 'Ma għidtlix hekk lili fl-Uffiċċju ġewwa r-Rabat.'

L-Avukat Difensur baqa' jsostni li l-istess domanda saret fil-kuritur tal-Qorti meta kien tal' wkoll ċertu Andrew. Ix-xhud xorta qal li ma jiftakarx. L-Avukat Difensur fakkar lix-xhud li dak in-nhar ix-xhud ma kienx tela' l-Qorti mhux għax kien ħassar iżda kien korra fuq il-post tax-xogħol u f'paġina 74 ix-xhud qal li ma riedx jitla' l-Qorti għax kien jaf il-verita'. Huwa kien ħassar minn ma' Esther għal raġunijiet personali u stqarr li qatt ma ra lil Esther tigref il-karozza msemmija. (paġina 77).
Ix-xhud qal ukoll li l-imputata kienet għamlet ħsara fil-karozza tiegħu iżda ma kienx ħa passi kriminali (paġina 79)

**Xhieda Difiża**

L-ewwelnett l-imputata fl-istqarrija tagħha kienet ċaħdet li hi kienet qalet lil Mark Schmebri li kienet barxitlu l-karozza:

Paġina 14: 'Dik il-ħabta kien qalli li jien kont braxtlu l-karozza'

‘Int x’irrispondejtu?’

‘Jien kont għedtlu li mhux jiena u kont għidtlu li jekk iġib il-provi nitkellmu’

U dwar il-qattusa:

‘Kont xtrajtlu qattusa għat-tifla tiegħu għall-birthday pero’ l-mara tiegħu ma kenitx aċċettatha.
Kemm kienet tiswa din il-qattusa?
Kienet tiswa ħamsin Lira u kont xtrajtha mill-Fgura.’

Dwar il-flus, l-imputata qalet :

‘Le.Flus qatt ma talbni u jien lanqas qatt ma tajtu.’
M;Ma tajtux għax ma kellekx jew għax ma ridts?’
R:La ma griftilux jien m’għandix għalfejn intih flus.’

U

‘Meta xtrajtlu l-qattusa int kont semmejtlu xi ħaġa fis-sens li kont ser itth il-qattusa bi tpattija għal ħsarat li kien sab fil-karozza?’
‘Le. Il-ftehim kien li kont ser nixtiha għat-tifla tiegħu u li kont naf li martu ma ridithiex ma kontx nixtrieha.’

L-imputata għażlet li tixhed u f’paġina 92 qalet:

‘Din il-karozza qatt ma missejtha jiena. Meta kont nitla’ Paceville kont naraha pparkjata quddiem il-ħanut. Ħafna nies jgħaddu bil-bokkli. Jiġifieri għandi ritratti. Nista’ nurik fejn tkun ipparkjata u qatt ma rajt grif jiena.’

Għall-mistqosija mill-Qorti jekk kenitx girfet il-karozza, l-imputata qalet ‘No.’

Dwar il-Qattusa:

‘Morna u xtrajnieha u ma kenitx seventy kienet sixty.’

Fil-paġina ta’ wara l-Qorti staqsiet direttament lix-xhud jekk kenitx tat lil Mark Schembri sebgħin lira. Ir-risposta

kienet 'Le' u meta d-difiża staqsietha 'Tajtu xi flus?'. Ir-risposta kienet 'No. Il-Qattusa biss tajtu.'

F'paġina 96 ix-xhud qalet li li Sandro Rapa u Mark Schmebri kienu jafu lil xulxin.

U f'paġina 97 insibu:

'Difiża: L-aħħar darba qal xi ħaġa Sandro.

Xhud.Qallu inti għadek titkellem ma' Mark? Qallu 'Le'. Qallu jiena lil Mark ma nkellmux. Qallu għax dak qalli biex jixhed kontrija. Mark qabbdu biex jixhed kontri(j)a.

Difiża: U quddiem Sandro u quddiem Mark fil-preżenza ta' Sandro int qatt ammettejt li braxthielu l-karozza?'

Xhud: 'Lanqas qatt.'

Fil-paġina ta' wara qalet:

'U jiena ma kontx naf li minn wara dari kienu ħaġa waħda ma' Mark. Jiġifieri kienu qed jinformaw lil xulxin.'

F'paġina 100:

'Ehe qalli int braxthieli. Qalli 'U żgur issa la tagħlaq tmintax se ntellgħek il-Qorti ħa juruk snienhom. Ghedltu 'Tellagħni xejna għax mhux jiena. Qalli ħa ntellgħek ħalli juruk snienhom talli grifIti l-karozza. Ghedltu 'Toqgħodx tgħid hekk għax mhiux jien. Qalli 'Issa nistenna sa ma jkollox 18-il sena għax qabel ma nistax intellgħek.'

L-istess intqal fil-paġina ta' wara (101)

'Imbagħad qalli li jekk tgħid li int ma ntellgħekx il-Qorti'

'Għedtlu mhux jiena għedtlu tellagħni għax mhux jiena.'

L-Avukat Difensur kien eżentat mis-sigriet u xehed: paġni 103 –104:

‘Sandro Rapa …….’ġibtu u għidtlu isma’ int għandek xi xhud u ġabitli lil dan. Gaħmiltlu domand akont, blank point: Isma’ din xi darba rawha jew ammettiet illi quddiemek li għamlet xi ħsara fil-vettura ta’ Mark Schembri u dan anzi kien kellmu hu hux dispost li jixhidlu hu.’

Aktar ‘l isfel l-Avukat Difensur qal bil-ġurament li quddiem il-Qorti dan l-istess xhud kien inbidel cento per cento.

Skond missier l-imputata (paġina 108), fl-uffiċċju ta’ l-Avuakt Difensur Sandro Rapa kien qal illi Mark Schembri kien qallu: ‘Jiena lil missierha nobogħdu ħafna għax keċċieni mid-dar u qallu ‘Sandro , ixhed kontra Esther għalija.’

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Il-Qorti għandha konflitt ta’ xhieda u qegħda tivvalutahom.

Il-Qorti kkonsidrat li l-verżjoni mogħtija mill-imputata hija aktar attendibbli. Mill-istqarrija tagħha stess mogħtija a tempo verġine jidher li l-imputata kienet soda ħafna fir-risposti tagħha ukoll meta ċerti domandi kienu repetuti. Kull allegazzjoni kienet ribattuta b’ton ta’ bniedma ċerta minnha nnifisha u billi din il-Qorti ratha tixhed fuq il-pedana tax-xhieda, tista’ tiżen li li kieku kienet qed tigdeb kienet ċċedi fil-mistoqsijiet għaliex ma jidhirx li hemm ċertu makakkerija. L-imputata għadha żgħira fl-eta’ u sabet ruħha f’żewġ relazzjonijiet ta’ mħabba ta’ malajr b’waħda tissuċedi lill-oħra. Mark Schembri rabat ir-reat ma’ l-imputata għax qal li hekk kienet qaltlu. Dan l-imputata ċaħditu kategorikament u l-provi kollha straħu fuq x’qalet lil Mark Schembri u x’qalet lil Sandro Rapa. Fix-xhieda tagħha, l-imputata spjegat kif il-flus għall-qattusa kienet għaddiethom direttament hi lil sid il-qattusa u li ma għaddietx flus lil Mark John Schembri.

Jidher li dawn huma ħbieb u mid-depożizzjoni ta’ Mark Schembri stess (paġina 36) ‘Ilbieraħ (5 t’Ottubru) svolġieli xi ħaġa oħra li għandi xhud ieħor favurija’ jidher li kien

hemm kuntatt bejn dawn iż-żewġ xhieda. Dan il-fattur ikompli jsaħħaħ dak li xehed Dr.Bonnici li Mark Schembri kien saqsa lil Sandro Rapa jekk kienx dispost illi jixhidlu.

Fil-kontro-eżami Sandro Rapa rrisponda 'Le' jekk jiftakarax id-domanda li kienet saret fl-uffiċċju ta' l-Avukat Difensur. Ftit wieħed jista' jemmen din ir-risposta fid-dawl ta' dak li xehed Mark Schembri meta jsemmi li Sandro Rapa kien ikkuntattjah fil-5 ta' Ottubru (Ara depożizzjoni ta' Mark Schembri fis-6 t'Ottubru (paġini 32 –36 b'mod partikolari). Tassew li din hija data differenti minn dik ta' meta seħħet il-laqgħa għand l-Avukat Difensur iżda diffiċli għal din il-Qorti li temmen li l-kuntatt tal-5 t'Ottubru bejn iż-żewġ xhieda ewlenin tal-Prosekuzzjoni kien l-ewwel wieħed. Il-Qorti qed tikkonsidra wkoll li l-laqgħa fl-uffiċċju ta' l-Avukat Difensur seħħet meta r-relazzjoni ta' bejn Sandro Rapa u Esther kienet għadha sħiħa. Jidher li din inqatgħet fit-3 t'Ottubru u li kuntatt bejn iż-żewġ xhieda sar biss jumejn wara (5 t'Ottubru) u lejliet li kellu jixhed Mark John Schembri.

**Dwar ir-rapporti li saru l-Qorti ma tqisx li dawn huma provi kontra l-imputata għaliex is-suspetti qatt ma jistgħu jinbidlu fi provi.**

**Fil-fehma tal-Qorti, il-Prosekuzzjoni ma ppruvatx il-każ tagħha 'beyond reasonable doubt'.**

**Għaldaqstant din il-Qorti, wara li rat l-artikolu 18 u 325(b) tal-Kap 9, u wara li kkonsidrat ix-xhieda kollha, ma ssibx lill-imputata ħatja ta' l-imputazzjoni dedogtta kontra tagħha u qed tilliberaha minn kull imputazzjoni.**

**MAĠISTRAT**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------